**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 6 – IT-TNEJN, 16 TA' SETTEMBRU 2019 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Sindku |
| Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| Joe Aquilina | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| David Dalli | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier |
| Tania Borg | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 5**

1.1 Is-Sur Trevor Fenech ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 5**

2.1 Dwar paragrafu 6.1, is-Sur David Dalli fakkar li hu kien ilmenta qabel fuq dawn ir-railings.

2.2 Dwar paragrafu 6.3 kien hemm qbil dwar il-first aid courses.

**3 Pagamenti Numru 5**

3.1 Is Sur Trever Fenech ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Is-Sindku tkellem fuq proposta biex issir ikla tal-milied miftuħa għar-residenti bl-għan li ssir bħala fundraising għal kawża gusta. Kien hemm qbil unanimu fuq il-prinċipju. Għandha tiġi diskussa aktar fid-dettal fl-laqgħat oħra.

4.2 Is-Sindku tkellem fuq proposta biex jiżdiedu t-toroq u l-pjazez li jiżżejnu fil-Milied. Ghanda issir laqgha bejn is-Sindku u s-Sur Dominic Cassar mal-kuntrattur biex jibda l-preparamenti ghal dan ix-xoghol. Kien hemm qbil unanimu fuq din.

4.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għandha ssir laqgħa maċ-Chiswick School bil-possibbilità li tintuża l-hall tagħhom għall-kunċert ta' April.

4.4 Kien hemm diskussjoni dwar l-embellishments li qed isiru fil-Ġnien Ta' Żwejt. Is-Sindku ppropona li fil-ftuħ tal-ġnien għandha ssir attività li tippromuovi ħajja attiva u healthy. Dan il-ġnien għandu jingħata isem u tinkixef plakka kommemorattiva għal din l-okkażjoni. Kien hemm qbil unanimu.

4.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret laqgħa mal-Perit responsabbli mix-xogħlijiet ta' resurfacing ta' Triq tal-Mensija. Għandha tintbagħat pjanta mill-Kunsill dwar il-proposti tagħna għal din it-triq.

4.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fi żmien qasir għandu jinbeda t-tħawwil ta' madwar 5000 siġra u arbuzzelli f'San Ġwann.

4.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar laqgħa li kien hemm ma’ AKL dwar l-operat tal-LIDL f'Malta. Kien hemm diskussjoni dwar il-ħinijiet li qed tinħatt il-merkanzija u n-nuqqas ta' ndafa fil-loading bay tagħhom. Dawn qed joħolqu inkonvenjent kbir għar-residenti tal-madwar.

4.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar ftehim li hu ffirma mal-HA dwar manutenzjoni f’7 blokki tal-Gvern f'San Ġwann.

4.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għamel arranġamenti mal-FTZD biex isiru numru ta' xogħlijiet ta' embellishment u manutenzjoni.

4.10 Kien hemm qbil li ssir ħażna tal-ilma fi Triq Bella Vista biex jissaqqew is-siġar li ser jitħawwlu.

4.11 Is-Sindku tkellem fuq il-fuljett tal-Kunsill, Il-Ħuġġieġa. Hu ppropona biex dan il-fuljett ma jibqax jiġi stampat, imma jsir diġtali. Dan biex jiġi ffrankat tunnellatti ta' karti mill-waste. Għal dawk il-ftit residenti li m’għandhomx aċċess għal sistemi diġitali, il-Kunsill jistampa kopja lilhom. Kien hemm qbil unanimu għal din il-proposta.

4.12 Kien hemm qbil biex kull fejn ikun hemm bżonn li jsir manutenzjoni jew tiswija issir minnufih.

4.13 Is-Sindku ppropona li jsiru kompozizzjoni ta' diski u kant bi produzzjoni tal-Kunsill u jigu released fuq music platform. Kien hemm qbil unanimu.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm qbil għal No Objection biex issir car wash f'Misraħ Lourdes wara talba mill-Għaqda Madonna ta' Lourdes.

5.2 Kien hemm qbil għal No Objection biex isir Christmas Market f'San Ġwann bhala fund raising għal tfal fil-Cambodia. Din il-No Objection tkun suġġett li ma jkunux fl-istess ġranet li jkun qed isir il-Christmas Market tal-iskola. Is-Sur Joe Aquilina ppropona li ssir stand tal-Kunsill ghall-uzu ta’ attivitajiet u ghall-promozzjoni. Kien hemm qbil unaminu.

5.3 Il-Kunsill ġie nfurmat li ser ikun hemm konferenza fuq Waste Management fit-23 u 24 ta' Settembru 2019. Min jixtieq jattendi għandu jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv.

5.4 Kien hemm diskussjoni dwar proposta minn TM biex Triq Antonio Schembri issir One Way fil-ħinijiet tal-ħruġ u d-dħul tat-tfal. Kien hemm qbil li din issir bil-ħinijiet jibdew 15-il minuta qabel ma jibdew deħlin it-tfal u 15-il minuta wara l-aħħar ħin li joħorġu t-tfal. Din għandha ssir bi prova. Kien hemm qbil ukoll li jsir alighting and boarding bl-istess ħinijiet.

5.5 Il-Kunsill ġie nfurmat b'korsijiet minn Leadership and Management Institute fuq M.SC. In Goverance and Management u oħrajn.

## 6 Affarjiet ohra

6.1 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici tkellem dwar persuna li offriet is-servizzi tagħha għall-assistenza tal-homeworks wara l-iskola. Din hija l-istess persuna li kienet tkellment mas-Sur Joe Aquilina. Kien hemm qbil li kull persuna li tigi toffri servizz ta' Edukazzjoni ghanda tkun kwalifikata. Hu ssuġġerixxa wkoll biex tidjieq parti mill-bankina fi Triq tal-Balal. Ghandu jintbaghat dan is-suggeriment lill-Infrastructure Malta. Hu lmenta li l-masġar taż-żebbuġ mhux dejjem ikun mixgħul. Tkellem ukoll fuq talba għl junction box fi Triq il-Korvu. Għandha ssir site visit mas-Sindku. Hu talab ukoll biex isir double yellow line fi Triq Emanuel Vitale. Is-Sindku rrispondieh li diġà mar fuq il-post u t-talba mhux ġustifikabbli.

6.2 Is-Sinjura Violet Bajada talbet biex issir tabella cul de sac fil-bidu ta' Triq Emanuel Vitale.

6.3 Is-Sur David Dalli tkellem li hemm bżonn li jitbattlu aktar frekwenti l-bins tas-sigaretti. Tkellem ukoll biex issir zebra crossing fi Triq Birkirkara u Triq tas-Sliema. Kien hemm diskussjoni dwar din, fejn ġie ilmentat li hemm talba f'ħafna toroq biex isiru zebra crossings, imma mhux possibbli li jsiru kollha. Is-Sur Joe Aquilina ssuggerixxa li ssir policy fejn isiru z-zebra crossings. Ghandna niktbu lill-TM biex jassistuna kif ghandhna nfasslu din il-policy. Is-Sur Dalli tkellem ukoll dwar Triq Salvu Busuttil fejn hemm għjdut li ser tinbidel id-direzzjoni. Talab ukoll biex tiġi rranġata parti mill-bankina fi Triq l-Isponsun. Talab ukoll biex tiċkien parti mis-central strip li hemm f'Misraħ Lourdes biex il-karozzi jkunu jistgħu jduru aħjar u hemm lokk li jizdied il-parkegg legali.

6.4 Is-Sur Dominic Cassar fakkar li hemm bżonn li jiġu rranġati partijiet tas-siġar tal-Milied. Kien hemm qbil li jsir li jkun hemm bżonn biex dawn jiġu rramġati u jintramaw bħas-sena l-oħra.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fit-7.45pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 30 ta' Settembru 2019 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Trevor Fenech** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |